**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru 26**
**Citaz. Nru. 1631/95 FDP**

**Middle Sea Insurance Co. Limited**
**Vs**
**Joseph u Antoinette konjugi Berry personalment u bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Michael Berry**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-8 ta' Frar 1995 ghal habta ta' 12:00 pm fil-limiti ta' Cospicua, iben l-

konvenuti, Michael Berry kien qed isuq ir-rota tieghu; mhabba traskuragni u nuqqas kbir ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa habat mal-vettura ta' marka Mercedes numru ta' resgistrazjoni Y-1960 proprjeta` ta' Raymond Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` John's Garage Limited u li dak il-hin kienet qed tinsaq minn Anthony Attard;

Premess illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' Raymond Farrugia nomine numru ta' registrazzjoni Y-1960 garbet hsarat konsiderevoli izda billi din il-vettura kienet assigurata *comprehensive* mas-socjeta` assiguratrici attrici u billi saret claim ma' din l-istess socjeta` minn Raymond Farrugia nomine, l-assigurazzjoni hallset ghat-tiswija ta' din il-vettura s-somma ta' Lm653.71 u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi s-socjeta` assiguratrici hallset ukoll a tenur tal-kondizzjonijiet tal-Polza xi ammonti ohra dovuti lil terzi u cioe` ghas-survey u ghar-rapport tal-pulizija, u dana wkoll b'konsegwenza ta' dan l-incident u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. B'kollox l-assigurazzjoni hallset is-somma ta' Lm663.71;

Premess illi l-konvenuti nterpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` assiguratrici attrici rrifjutaw illi jhallsu ghal dawn id-danni kellha ssir din ic-citazzjoni;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fit-8 ta' Frar 1995 fil-limiti ta' Cospicua bejn ir-rota misjuqa minn iben il-konvenuti u l-vettura misjuqa minn Anthony Attard;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur nomine u rizultanti minn dan l-incident tat-traffiku fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmi (Lm663.71), jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' April 1995 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha huma eccipew:-

1. Illi l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza ma garax tort ta' binhom Michael, izda gara tort unikament u htija ta' Anthony Attard li kien qed isuq il-vettura Mercedes (Y-1960);

2. Illi la darba l-incident mertu ta' din il-kawza ma garax tort ta' Michael Berry li kien qed isuq bicycle, allura m'ghandhomx jigu likwidati ebda danni fil-konfront tal-konvenuti nomine, u m'ghandhomx jigu kkundannti jhallsu ebda somma kif mitluba mis-socjeta` attrici;

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub ta' sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm663.71) kien wiehed eccessiv u esagerat, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz;

U ghamlu wkoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha moghti fis-26 ta' Gunju 1996 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol 96 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tas-17 ta' Mejju 2000;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza giet intavolata mis-socjeta` assiguratrici tal-vettura Y-1960 misjuqa minn Anthony Attard fejn talbet r-risarciment tad-danni mhallsa wara l-hsarat fuq l-imsemmija karozza u dan minghand il-konvenuti li huma il-genituri tat-tifel Michael Berry li kien involut fil-habta ma' l-imsemmija vettura, waqt li huwa kien qed isuq bicycle;

Illi l-incident gara gewwa Bormla fi Triq Verdala proprju fejn hemm il-hrug mill-iskola ta' Verdala meta hekk kif il-karozza Mercedes kienet waslet fil-vicinanzi ta' dina l-entrata jew uscita hareg it-tifel Michael Berry bin il-konvenuti li kien qed isuq rota u habat mal-vettura Mercedes;

Illi mill-ezami tax-xhieda prodotti ma hemmx dubju li dan it-tifel baqa' hiereg mill-iskola b'certa velocita` u anki kif ammetta huwa stess qatt ma waqaf biex jara kienx gej traffiku ghalkemm il-hrug huwa tassew perikoluz; dina l-verzjoni tinsab konfortata wkoll minn wiehed mit-tfal illi kien proprju prezenti dak il-hin tal-habta u kien ukoll wasal biex johrog mill-iskola. Il-Qorti taghti hafna importanza l-konfigurazzjoni tat-toroq u l-posizzjoni tal-karozza li turi illi kienet ghaddejja bi speed pjuttost baxx tant illi anqas lahqet issuperat l-hrug imsemmi; dan jikkontradici

l-verzjoni li pprova jaghti t-tifel illi huwa kien lahaq hareg u l-karozza lahqitu minn wara;

Illi l-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti kollha taqbel mal-konsiderazzjonijiet u mal-konkluzjoni ta' l-abbli relattrici u ghal kull buon fini taddotta u taghmel taghha l-istess relazzjoni oltre il-konsiderazzjonijiet diga` maghmula.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati;

Tilqa' l-Ewwel Talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' wkoll it-Tieni u t-Tielet Domandi u wara li tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' sitt mija u tlieta u sittin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm663.71), tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istess attur nomine din is-somma hekk likwidata in linea ta' danni kagunati, bl-imghax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur